



## Ġrajjiet il-vara u l-festa ta' San Antnin ta' Padova bejn l-1922 u l-1955

**© Kan. Dr Jonathan Farrugia   Ritratti tal-vara: © Jean Pierre Pirotta**



Waħda mill-vari l-inqas popolari, għalkemm mhux nieqsa mill-ġmiel u mid-devozzjoni, fil-knisja arċipretali ta' Santa Katarina taż-Żurrieq hija dik ta' San Antnin ta' Padova li tinsab f'niċċa kif tidħol mill-bieb tax-xellug fil-faċċata tal-knisja. Qiegħed ngħid "inqas popolari" mhux għax ħadd ma jaf biha, imma għax illum ma tgawdix devozzjoni "organizzata" bħalma kellha qabel, peress li ma għandhiex fratellanza li taħdem għaliha bħalma għandhom kważi l-vari l-oħra kollha. Meta kont għadni tifel u konnha għadna noqgħodu ż-Żurrieq, ta' kuljum meta kont immur għall-quddiesa maz-zija Marì dejjem kont insiba ma' wiċċi hekk kif immur inbill subgħi fl-ilma mbierek meta nidħol fil-knisja. Ta' tifel li kont, kemm-il darba pruvajt naqra l-epigrafi li hemm fuq il-pedestall, imma peress li kienet bil-Malti antik qatt ma wasalt imkien, ħlief li nagħraf is-sena li hemm miktuba – 1922. Niftakar li kienet pjuttost malandata, b'ħafna brix u xi partijiet fejn iż-żebgħa kienet tmermret u kont fraħt ħafna meta numru ta' snin ilu ġiet restawrata.

Sena ilu, waqt li kont qed nagħmel xi riċerka fl-arkivju tal-Kurja għal rikorsi marbutin mal-vara ta' Santa Katarina, ġew f'idejja sitt rikorsi marbutin ma' din l-istatwa ta' San Antnin, li jkopru xi ftit jew wisq l-ewwel tlieta u tletin sena tal-eżistenza tagħha. Għal din is-sena, għalhekk, se nagħtu daqqa t'għajn lejn il-kontenut tagħhom u naraw x'dawl jitfgħu fuq l-istorja bikrija tagħha.

**1922 – Ir-rikors biex issir id-donazzjoni tal-istatwa**[1]

L-ewwel rikors li sibt jagħti ħafna informazzjoni dwar l-oriġini ta' din ix-xbiha ta' Sant'Antnin ta' Padova. Il-folja fiha żewġ noti: waħda mill-benefattur, l-ispiżjar Giuseppe Debono miż-Żurrieq; u l-oħra mill-Arċipriet Dun Emanuele Mifsud.

Fir-rikors tiegħu Debono jagħti 6 punti li jtuna ħafna dettalji. L-ewwel nett jagħtina x'nifhmu li fiż-Żurrieq diġà kien hemm xi devozzjoni lejn dan il-qaddis,[2] għax hu jgħid li x-xewqa tiegħu



15/9

280/1922

A. S. E. Reverendissima
Mons. Dom. Mauro Caruana O.S.B.
etc. etc. etc.
Arcivescovo di Rodi, Vescovo di Malta.

Umile ricorso del Ch: Farmacista
Giuseppe DeBono del Zurrico

Eccellenza Reverendissima,

Il sottoscritto, servo umilissimo di V. E. Rev.ma reverentemente espone:
1° Che egli, per promuovere vieppiù la divozione verso S. Antonio di Padova e renderla perpetua, ha fatto portare a proprie spese da Lecce, una statua rappresentante il detto Santo che offre un pane ad un poverello.
2° Che detta statua ha riscosso già l'approvazione di S. E. Rev.ma Mons. Vic. Gen. Fr. Angelo Portelli O.P. e del Sig. Arciprete Parroco del casale;
3° Che egli dona la detta statua al Sig. Arciprete E. Mifsud quale Rettore della Chiesa Par.le, promettendo questi di collocarla in una nicchia esistente all'entrata della navata cornu Evangelii;
4° Che egli promette di lasciare una pia fondazione entro due anni;
5° Che egli prega che detta statua venga esposta sotto la navata durante la sua festa;
6° Infine egli desidera che durante vita continui ad amministrare la cassa pel Pane di S. Antonio, che gli venga affidata la cura della manutenzione della Statua e della celebrazione della festa e che alla sua morte queste facoltà passino al figlio Antonio, beninteso quando sarà di età maggiore, sempre sotto il controllo dell'Arciprete Parroco pro tempore.
Prego pertanto l'E. V. Rev.ma voler benignarsi approvare l'esposto.
E della grazia

Joseph DeBono Ph.C.



kienet li jsaħħaħ din id-devozzjoni u jagħmilha perpetwa (*"per promuovere vieppiù la divozione verso S. Antonio d Padova e renderla perpetua"*). Għal dan il-għan hu ordna minn Lecce statwa tal-qaddis qiegħed jagħti l-ħobż lil wieħed fqir.[3] Apparti minn hekk ikompli jgħid li l-Vigarju Ġenerali Mons. Angelo Portelli OP kif ukoll l-Arċipriet Mifsud kienu diġà approvaw l-istatwa.[4] Fit-tielet punt Debono jgħid li hu kien se jagħti din ix-xbiha lill-Arċipriet li kien wegħdu li kien se jpoġġiha f'niċċa li kienet tinsab ħdejn l-entrata tan-naħa tal-evanġelju.[5] Sabiex id-devozzjoni tkompli titkattar u l-festività ta' San Antnin tkun tista' tibqa' ssir, l-ispiżjar wiegħed li jħalli fondazzjoni sabiex mill-imgħaxxijiet jitħallsu l-ispejjeż ta' kull sena. Fir-rikors il-benefattur jitlob ukoll biex l-istatwa tintrama fil-knisja taħt arkata minn tan-navi għall-festa tagħha. Interessanti li mkien ma jitlob li ssir purċissjoni bl-istatwa – il-festa kellha tkun waħda interna biss bl-istatwa esposta fil-knisja. L-aħħar punt fir-rikors jitlob li l-benefattur ikollu l-permess jibqa' jamministra l-kaxxa tal-flus ta' quddiem l-istatwa – liema flus kellhom jintużaw biex jitqassam il-ħobż lill-fqar fil-festa – kif ukoll li jibqa' jieħu ħsieb l-istatwa u ċ-ċelebrazzjoni annwali f'ġieħ il-qaddis. Barra minn hekk jitlob ukoll li wara mewtu din l-amministrazzjoni titħalla lil ibnu, dment li dan ikun ta' età matura, waqt li dan kollu jsir taħt il-kontroll tal-Arċipriet.

Fuq il-paġna ta' wara nsibu n-nota li kiteb l-Arċipriet qabel ippreżenta dan ir-rikors fil-Kurja nhar is-6 ta' Settembru 1922. Fiha hu jinforma lill-Arċisqof li ma kellux problema li jingħataw il-permessi mitluba fir-rikors, basta l-ispiżjar jistqarr li ma kien se jippretendi l-ebda dritt jew pretensjoni fuq l-istatwa aktar 'il quddiem.

L-affarijiet jidhru li ġew iċċarati f'qasir żmien u l-permess ingħata fil-15 ta' Settembru 1922. Minn dan nistgħu nikkonkludu li l-istatwa ġiet introdotta fil-knisja arċipretali dik is-sena, waqt li l-ewwel festa li għaliha kienet armata fil-kursija kienet dik tas-sena 1923.

Hija ħaġa kurjuża li fuq il-pedestall hemm miktub li nhar is-6 ta' Settembru 1922 l-Isqof Caruana ta 100 jum indulġenza lil min jitlob quddiem din l-istatwa. Id-data hija l-istess ġurnata meta ġie preżentat ir-rikors, imma qabel ma ngħata l-permess biex l-istatwa tiddaħħal fil-knisja. Din jista' jkun jew xi żball – forsi kellu jinkiteb '16' mhux '6' – inkella l-indulġenza ġiet *back dated* għal meta ġie preżentat ir-rikors imsemmi.

**1931 – Ir-rikors għall-bankun tal-istatwa**[6]

Jidher li għal disa' snin ma kienx hemm innovazzjonijiet. Peress li ma kienetx issir purċissjoni l-istatwa kienet tintrama' fuq il-bankun tal-vara tal-Madonna tar-Rużarju. L-affarijiet inbidlu fl-1931, u minn din is-sena nsibu rikors li fih erba' dokumenti, ilkoll marbuta mal-bankun tal-istatwa.


(A.

Il sottoscritto Arciprete Parroco di Zurrico, raccomanda l'accettazione di detta donazione, essendo il bancone in parola molto necessario, siccome negli anni scorsi, per la festività di S. Antonio, si è fatto uso del bancone della Statua della B. V. del SS. Rosario.

Arcip: Parroco Giò B. Ghigò.

Zurrico, 10-1-31.

L-ewwel dokument huwa r-rikors tal-istess spiżjar Debono li, waqt li fir-rikors tal-1922 kien deskritt bħala "*del Zurrico,*" issa huwa msemmi bħala "*Residente al Rabato, Strada Reale No. 18.*" Milli jidher Debono, li milli nista' nifhem kien Żurrieqi, mar joqgħod ir-Rabat f'xi mument bejn l-1922 u l-1931. F'din it-talba hu jippreżenta ruħu bħala l-prokuratur tal-kaxxa tal-ħobż ta' Sant'Antnin imwaqqfa fil-knisja arċipretali-parrokkjali taż-Żurrieq li kienet twaqqfet b'inizjattiva tiegħu. Imbagħad jgħid li nqalgħet in-neċessità li l-istatwa jkollha l-bankun tagħha peress li ma għandhiex, u joffri li jħallas għall-bankun minn flusu stess; għaldaqstant jitlob il-permess li jkun jista' jmexxi skont id-diżinn li kien hemm mehmuż mar-rikors. Dan ġie preżentat fl-4 ta' Frar 1931. Il-għada, il-Vigarju Ġenerali bagħat id-diżinn lill-*Giunta Diocesana per la tutela delle antichità ecclesiastiche*[7] biex jaraw kienx adattat.

Flimkien ma' dan hemm nota[8] tal-Arċipriet ta' dak iż-żmien, li kien l-Imqabbi Dun Giovanni Battista Ghigo, li fiha huwa japprova li ssir din id-donazzjoni peress li din kienet meħtieġa, u hu minn dan li nifhmu li kien qed jintuża l-bankun tal-Madonna tar-Rużarju. Kurjuża ħafna d-data li hemm fuq din in-nota, li hi l-10 ta' Jannar 1931. Dan ifisser li Debono u l-Arċipriet ġa kienu ilhom li ftehmu dwar dan il-bankun madwar tliet ġimgħat qabel ma sar ir-rikors.

Imbagħad insibu d-diżinn ta' dan il-bankun,[9] li huwa sempliċi ħafna, imma fl-istess ħin eleganti u li jaqbel ħafna kemm mat-tema tal-istatwa kif ukoll mal-faqar tal-qaddis. Il-bradella fiha





diżinn ta' nokkli u fjura fil-punti fejn suppost jidħlu l-lasti, waqt li l-bankun għandu biss ktieb imdawwar bil-ward, il-ġilji u kurdun, kollox fi gwarniċa b'erba' fjuriet, waħda f'kull rokna. Fil-ġnub tal-bankun hemm diżinn sempliċi ta' weraq qishom mazzettuni mdendlin. Hija ħasra li dan id-diżinn mhux iffirmat u għalhekk ma nafux min kien li ħażżu. Mhux eskluż li ħażżu l-ispiżjar stess!

Ir-rapport qasir tal-*Giunta* nkiteb fis-6 ta' Marzu, wara li l-ġurnata ta' qabel kienu ltaqgħu biex jiddiskutu d-diżinn. Problemi ma nstabux għalhekk fir-rapport, il-kanċillier Pantalleresco, kiteb li l-*Giunta* tapprova d-diżinn u għalhekk il-bankun seta' jsir. Din ir-risposta waslet lura l-Kurja fl-10 ta' Marzu, fejn id-diżinn u l-permess ġew esibiti u mbagħad fit-13 ta' Marzu tal-istess sena ntbagħatet nota mill-Vigarju Ġenerali lill-Arċipriet Ghigo jinfurmah li t-talba ġiet milqugħa. Meta nqabblu d-diżinn mal-bankun ninnutaw li xi ftit jew wisq inżammet l-idea l-oriġinali. L-aktar differenza li tispikka huwa l-medaljun tan-nofs fejn il-kurdun ġie eliminat waqt li l-ġilji u l-ward li kienu fi stil bilanċjat madwar il-ktieb, inbidlu għal bukkett irregolari ta' ġilji wara l-ktieb. L-erba' fjuriet ta' mal-faċċata tneħħew ukoll, waqt li n-nokkli ta' bejn it-toqob tal-lasti fil-bradella ċċekknu u l-fjuri ta' fuq l-injamiet li jsoddu t-toqob tal-lasti tneħħew.

**1931 – Rikors għall-purċissjoni fl-okkażjoni ta' sena ċentinarja[10]**

Tliet xhur wara, nhar it-13 ta' Ġunju tal-istess sena, proprju nhar il-festa liturġika tal-qaddis, fil-Kurja wasal rikors ieħor mingħand Debono, li kien inkiteb ħamest ijiem qabel. Din id-darba l-ispiżjar stqarr li kien ftiehem mal-Arċipriet biex issir festa aktar solenni mis-soltu peress li dik is-sena ħabat is-seba' ċentinarju mill-mewt tal-qaddis. Biex din tiġi solennizzata aktar, Debono talab permess biex issir purċissjoni għal dik is-sena biss. Biex juri li jaf l-affarijiet kif imorru, l-ispiżjar jgħid lill-Isqof Caruana li skont il-kodiċi tal-Liġi Kanonika biex issir purċissjoni

għandu jingħata l-permess mill-Ordinarju tad-Djoċesi, u għalhekk għamel it-talba. Għandna nifhmu li sa dan iż-żmien il-bankun kien lest u kien għalhekk li setgħet issir il-purċissjoni ladabra l-pedestall seta' jintrabat miegħu sew, ħaġa li fuq il-bankun tal-Madonna tar-Rużarju ma setgħetx issir. Fuq in-naħa ta' wara tar-rikors tidher nota mill-Vigarju Ġenerali Galea biex jiġi mistoqsi l-Arċipriet dwar din l-affari; jidher li kien hemm xi suspett li Debono seta' ħa r-riedni f'idejh u mexxa bla ma kien verament tkellem mal-Arċipriet.



Flimkien ma' dan ir-rikors insibu nota tad-19 ta' Ġunju mill-Arċipriet Ghigo rigward din il-purċissjoni. Ghigo mhux biss ma kienx kontra, imma jistqarr li jirrakkomanda li ssir sabiex titkattar il-glorja tal-qaddis tawmaturgu. Ladarba ġie ċċarat li kollox kien f'loku, il-permess ħareġ dakinhar, bil-kundizzjoni li dan il-permess ikun "*pro hac vice tantum*" jiġifieri għal din l-okkażjoni biss. Jekk kien hemm xi ħsieb li l-purċissjoni tibqa' ssir kull sena, malajr inġieb fix-xejn!

B'hekk dik is-sena l-istatwa ta' Sant'Antnin ħarġet iddur fit-toroq tar-raħal għall-ewwel u l-aħħar darba. Hija ħasra li ma jinstabux ritratti ta' din l-okkażjoni unika.[11]

**1953 – Rikors għal oġġetti oħra marbuta ma' Sant'Antnin[12]**

Wieħed u għoxrin sena wara – intant kienet għaddiet il-gwerra u r-raħal u n-nies bdew jerġgħu jieħdu r-ruħ – l-istess spiżjar Debono għamel rikors ieħor biex jgħin fit-tkabbir tal-festa tal-qaddis li tant kien iħobb. Fih jagħmel numru ta' talbiet li juru l-isforzi tiegħu biex id-devozzjoni tkompli tikber, waqt li jidher ċar li l-kura tal-istatwa u tal-festa ta' Sant'Antnin baqa' joħodhom bis-serjetà ħafna.

L-ewwel talba li għamel kienet biex jirrestawra l-istatwa li wara tletin sena kienet fil-bżonn. Din hija ħaġa xi ftit stramba, għax l-istatwa kienet tagħmel il-biċċa l-kbira taż-żmien magħluqa fin-niċċa fejn ħadd ma seta' jmissha. Għalkemm jidher li d-devozzjoni kienet qabdet sew, ma nimmaġinax li l-istatwa kienet waħda minn dawk li d-devoti jmorru jmissuha biex jaqalgħu l-grazzji bħalma naraw jiġri fi statwi devoti oħra bħalma huma r-Redentur tal-Isla jew il-Kurċifiss ta' Ġieżu. Jista' jkun li fil-post fejn tinsab in-niċċa kien hemm xi umdità li kkawżat il-ħsara.

Apparti minn dan Debono ried iżid l-armar tal-festa, u għalhekk jitlob li jibdel il-girlanda li kellha l-istatwa ma' waħda ġdida "*di fiore granullati*" – probabilment l-ewwel girlanda kienet ta' fjuri tad-drapp jew tal-karti u issa xtaq jagħmel waħda tal-ganutell –, jitlob ukoll li jagħmel sitt fjuretti tal-ġilji biex jintramaw fuq l-altar maġġur fil-festa[13] u anke li jixtri sitt gandlieri kbar biex jintramaw mal-vara meta din tkun fuq il-bankun. Flimkien ma' dawn xtaq iħallas għar-restawr tal-kwadru ta' Sant'Antnin li kien jitpoġġa fuq l-altar maġġur fil-festa u li kien ġarrab

xi ħsarat fil-gwerra,[14] kif ukoll ried jinstalla sitt bozoz elettriċi fin-niċċa tal-istatwa u jsewwiha wkoll.[15]



A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons: Michele Gonzi B.Litt., J.U.D., D.D.,
Metropolita
Arcivescovo di Malta
Etc. Etc. Etc.

Umile ricorso del Signor
Farm: Giuseppe De Bono, Procuratore della Statua di Sant' Antonio di Padova, nella Chiesa Arcip. di Zurrico.

Riverentemente espone.
Che la Statua di Sant' Antonio, già esistente in detta parrocchia da oltre trent'anni, richiede un restauro generale.
Che egli intende cambiare la corona di fiori che circonda la base della Statua, già molto invecchiata, con un'altra di fiori granullate, il costo della quale è di circa quindici sterline (£15).
Che di più egli intende ornare l'altare maggiore nel giorno della festa, con sei semplici fioretti di giglio.
Il ricorrente inoltre desidera restaurare il piccolo quadro di Sant' Antonio che si esponeva sull'altare maggiore, che attualmente si trova danneggiato per causa della guerra.
Desidera pure aggiungere sei candelabri da mettersi vicino la Statua durante la festa, nonchè tre lampadine di luce elettrica entro la nicchia di detto Santo. X
L'oratore pertanto prega l'Eccza V. Rma di degni concedergli il permesso di far eseguire dette opere indispensabili, erogando due terzi (2/3) dell'ammonto
X add.: riparare la nicchia stessa
J.B.

L-ispiża, din id-darba, Debono ma offriex li jħallasha kollha hu bħalma kien għamel qabel, kemm meta xtara l-istatwa u kemm meta ordna l-bankun. Fir-rikors jitlob il-permess li jużа l-flus tal-kaxxa tal-ħobż biex iħallas żewġ terzi mill-ispiża, u l-bqija joħroġhom hu. L-uniku dettall li għandna tal-ispejjeż huwa l-prezz tal-girlanda, li kellha tiġi tiswa £15.

Min-notamenti li hemm fuq l-istess rikors mill-kanċillier tal-*Cassa delle pie amministrazioni*[16] tal-Kurja, nafu li fil-kaxxa tal-ħobż kien hemm £328, u dawn kienu l-avvanzi li kien hemm milli kien jibqa' ta' kull sena wara li jitħallsu l-ispejjeż tal-festa u jitqassam il-ħobż lill-fqar.

Din it-talba saret fis-6 ta' Ottubru 1952. Il-proċedura ħadet xi ftit fit-tul peress li kellu jsir kontroll ta' xi flus kien fadal fil-kaxxa, kellha ssir evalwazzjoni tat-talba li saret, u jaraw kemm verament kien hemm bżonn it-tiswijiet imsemmija. Il-kontroll tal-fondi tal-kaxxa sar fi żmien jumejn, imma l-bqija ħa aktar żmien. Il-permess biex l-affarijiet kollha jsiru ngħata fis-16 ta' Jannar 1953, u nifhmu li sal-festa li saret dik is-sena xi ħaġa minn dawn l-affarijiet kienet ġa saret.

**1954 – Rikors għal aktar restawr[17]**

Sena wara, fl-1954, l-istess Debono talab biex ikompli jsir xi restawr. Iżda barra minn dan, l-ispiżjar jibda billi jispjega d-diffikultà li kien qiegħed isib biex iqassam il-ħobż ta' Sant'Antnin lill-fqar fil-festa tal-qaddis bħalma kien jagħmel qabel. Bħala raġuni jagħti l-fatt li l-ħobż kien għadu razjonat, fejn persuna ma setgħetx tixtri aktar minn ċertu ammont. Għaldaqstant, biex is-servizz xorta waħda jibqa' jingħata, jitlob permess biex flok ħobż jitqassmu flus mill-Arċipriet mill-fondi tal-kaxxa ta' Sant'Antnin. Hawn jispeċifika li s-somma li kellha titqassam ma kellhiex taqbeż l-ammont ta' £20.

Imbagħad jitkellem dwar ir-restawri li xtaq jagħmel lill-bankun tal-vara kif ukoll lill-pedestall żgħir li fil-festa kien jitpoġġa fuq l-altar maġġur.[18] Dawn ix-xogħolijiet huma deskritti bħala 'indispensabbli'. Fil-paġna ta' wara Debono jispjega li kien se jħallas terz minn butu u żewġ terzi mill-avvanzi tal-kaxxa. Dan ġie preżentat fit-28 ta' April 1954.

Saru l-proċeduri tas-soltu, fejn il-kaniċillier tal-*Cassa delle Pie Amministrazioni* ra kemm kien fadal flus fil-kaxxa, liema xogħol sar fil-15 ta' Mejju u nstabu £373 u 3 xelini, u l-permess ingħata

fis-17 ta' Mejju. Mal-permess insibu nota li ma setgħux jittieħdu aktar minn £80; dan iwassalna biex nifhmu li r-restawr b'kollox kien se jiswa madwar £100. Jidher li l-kaxxa kienet trendi sew ladarba s-sena ta' qabel kienet ittieħdet somma minnha għax-xiri ta' diversi materjali u għar-restawr tal-istatwa u xorta l-ammont li sabu kien aktar minn ta' sena qabel!

**1955 – Rikors għax-xiri u dekorazzjoni ta' gandlieri[19]**

L-aħħar rikors li wasal f'idejja ġej minn dik l-istess sena, meta fl-14 ta' Novembru Debono jgħid li wara ftehim ma' Dun Salv Farrugia, li kien il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, xtaqu li l-ispiża ta' £60 għax-xiri u d-dekorazzjoni ta' sitt gandlieri[20] kellhom jitħallsu terz mill-Fratellanza u terz mill-flus tal-prokura ta' Sant'Antnin taż-Żurrieq.[21] It-tielet terz ma jissemma mkien, imma għandi nifhem li dan tħallas minn Debono nnifsu, bħalma kien għamel fl-aħħar rikorsi. Fi tmiem ir-rikors insibu nota ta' Dun Salv li jistqarr li jaqbel ma' dak li hemm miktub u mbagħad hemm in-nota mill-Isqof Galea li dan seta' jsir. Id-data meta ħareġ il-permess kienet 12 ta' Jannar 1955, u għaldaqstant dan jinsab arkivjat fis-sena 1955 u mhux 1954.

**Għeluq**

Minn dawn il-ftit rikorsi nitgħallmu li l-qima lejn dan il-qaddis kibret ħafna fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin grazzi għall-entużjażmu tal-ispiżjar Giuseppe Debono, u nifhmu li dak kollu marbut mal-festa li kienet issir lil dan il-qaddis – statwa, armar u karità – sar kollu b'ħidma tiegħu. Hija ħasra li din id-devozzjoni llum m'għadhiex issib is-sapport bħal qabel, u li l-festa ġiet ridotta biss għall-quddiesa bil-priedka, fejn anqas il-qniepen ma għadhom isemmgħu leħinhom! Jidher iżda li ż-Żrieraq għadhom devoti ħafna ta' dan il-qaddis, u dan jidher kemm mix-xemgħat li jinxtegħlu quddiemu meta jkun fin-niċċa jew fil-knisja, kif ukoll mill-għotjiet ġenerużi li għadhom isirulu.[22]

Referenzi

1 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (AAM), *Suppliche 1922*, vol 211, n. 280/1922.

2 Jidher li kien hemm sottokwadru ta' San Antnin fuq l-altar tal-Madonna tal-Karmnu sa mis-sena 1740. Ara: A. Mangion, "Il-kappillan Dun Carmine Delicata (1738-1765)," *Programm tal-Festa ta' Santa Katarina* (Iż-Żurrieq: 1990), 15.

3 Fir-realtà Sant'Antnin jidher qiegħed jagħti l-ħobż lil wieħed tfajjel ħafi liebes ilbies sempliċi, imma li mhux bilfors jagħtu l-impressjoni li kien fqir!

4 Mhuwiex ċar x'approvaw eżattament ladarba f'dan ir-rikors Debono qiegħed jitlob li jirregalaha lill-parroċċa. Nassumi li kienu raw li ma fiha l-ebda difett u li kienet tixraq li tkun fi knisja għall-qima tal-poplu.